IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2013
COM(2013) 746 final

2013/0360 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fir-rigward tal-estensjoni tal-moratorji fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku") u ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u ilmenti dwar sitwazzjonijiet.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. GĦAN TAL-PROPOSTA

Din il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-Unjoni Ewropea tissieħeb mal-kunsens fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-adozzjoni mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO ta' żewġ deċiżjonijiet li jestendu l-moratorji fuq id-dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju fuq il-kummerċ elettroniku") u ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u ilmenti dwar sitwazzjonijiet.

L-Unjoni dejjem appoġġjat l-estensjoni tal-"moratorju fuq il-kummerċ elettroniku" hekk kif, mill-perspettiva tal-Unjoni, il-kummerċ elettroniku huwa servizz u għalhekk m'għandux ikun suġġett għal dazji doganali. Barra minn hekk, il-moratorju jipprovdi benefiċċji ekonomiċi sinifikanti għall-kumpaniji fl-Unjoni.

Fir-rigward tal-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet, l-Unjoni hija tal-opinjoni li dawn kienu mfassla biex jinżamm bilanċ ta' aċċess għas-suq negozjat u konċessjonijiet tariffarji skont il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 ("GATT") u, minħabba f'hekk, ma jidhirx xieraq li jkunu japplikaw f'dan l-istadju skont il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ ("TRIPS").

Il-proposta tistipula li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni li tadotta pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea fid-WTO biex tissieħeb ma' kunsens fir-rigward l-imsemmija deċiżjonijiet.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA GĦALL-PROPOSTA

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE) jistipula li meta jkun meħtieġ li tittieħed Deċiżjoni li jkollha effett legali f'korp stabbilit bi ftehim internazzjonali, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni. L-estensjoni ta' moratorji taqa' taħt din id-dispożizzjoni, peress li d-Deċiżjoni tittieħed f'korp stabbilit bi ftehim internazzjonali (il-Konferenza Ministerjali tad-WTO) li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni.

Il-moratorju previst dwar il-kummerċ elettroniku jittratta kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni (l-Artikolu 207 tat-TFUE) u b'mod partikolari, l-obbligi skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi. Bl-istess mod, il-moratorju previst fuq l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet jittratta kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, b'mod partikolari l-obbligi skont it-TRIPS.

3. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni se tkun awtorizzata biex tieħu pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea sabiex tappoġġja l-estensjoni tal-moratorji dwar il-kummerċ elettroniku u l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO. Jekk ikun hemm kunsens emerġenti biex tiġi proposta estensjoni indefinita tal-"moratorju dwar il-kummerċ elettroniku" u/jew il-moratorju dwar l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-

ilmenti dwar sitwazzjonijiet, sabiex il-moratorji inkwistjoni jsiru permanenti, l-Unjoni Ewropea għandha tkun ta' appoġġ.

Il-Parlament Ewropew se jiġi infurmat bid-dettalji kollha minnufih, f'konformità mal-Artikolu 218(10).

2013/0360 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fir-rigward tal-estensjoni tal-moratorji fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku") u ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u ilmenti dwar sitwazzjonijiet.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku) li jiddikjara li l-"*membri se jkomplu bil-prattika attwali tagħhom li ma jimponux dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi*' ġie adottat fil-forma ta' dikjarazzjoni fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") tal-1998.

(2) Attwalment il-moratorju jieħu l-forma ta' deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO, li ġiet imġedda kull sentejn sa mill-1998. Il-moratorju ġie estiż l-aħħar fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Diċembru 2011 sal-2013. Dan għandu jiġi estiż ulterjorment mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO jew isir permanenti jekk jintlaħaq kunsens għal dak l-għan fid-diskussjonijiet li għaddejjin jew dawk fil-futur.

(3) L-ebda kunsens dwar il-projbizzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u ilmenti dwar sitwazzjonijiet skont il-Ftehim TRIPS ma kien possibbli, sa issa. Id-Dikjarazzjoni adottatta fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Ħong Kong fl-2005 tiddikjara: *"Aħna nieħdu nota tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill għall-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ skont il-paragrafu 11.1 tad-Deċiżjoni ta' Doha dwar Kwistjonijiet Relatati mal-Implimentazzjoni u Tħassib u l-paragrafu 1.h tad-Deċiżjoni adottata mill-Kunsill Ġenerali fl-1 ta' Awwissu 2004, u li nindirizzawha lejn it-tkomplija tal-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni u l-modalitajiet għall-ilmenti tat-tipi previsti taħt is-subparagrafi 1(b) u 1(c) tal-Artikolu XXIII tal-GATT 1994 u nagħmlu rakkomandazzjonijiet għas-Sessjoni li jmiss tagħna. Huwa miftiehem li, sadanittant, il-Membri mhux se jniedu dawn l-ilmenti skont il-Ftehim TRIPS."*

(4) Il-proċedura s'issa għall-estensjonijiet suċċessivi tal-moratorju fuq l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet kienet deċiżjoni mill-

Konferenza Ministerjali tad-WTO li ġiet wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill għal Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ. Meta wieħed iqis li għadd limitat ħafna ta' Membri tad-WTO qegħdin jinsistu li d-diskussjoni dwar l-applikazzjoni tal-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet tkompli, jekk dawk il-pajjiżi jibdlu l-pożizzjoni tagħhom favur eżenzjoni permanenti, l-UE għandha tkun lesta li tissieħeb fil-kunsens.

(5) Huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea li tagħti l-appoġġ tagħha għall-estensjoni tal-moratorji dwar il-kummerċ elettroniku u l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet.

(6) Il-Kummissjoni se tirrapporta b'mod regolari lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali dwar il-qagħda tad-diskussjonijiet dwar estensjonijiet ulterjuri tal-moratorji dwar il-kummerċ elettroniku u l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet, b'mod partikolari jekk jinbidlu l-pożizzjonijiet ta' Membri oħra fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet suċċessivi mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ se tkun li tappoġġja l-estensjoni tal-moratorji fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi ("il-moratorju dwar il-kummerċ elettroniku") u ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u ilmenti dwar sitwazzjonijiet.

Jekk ikun hemm kunsens emerġenti li tiġi proposta l-estensjoni indefinita tal-"moratorju dwar il-kummerċ elettroniku" u/jew il-moratorju dwar l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti dwar sitwazzjonijiet, il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għandha tkun li tappoġġja l-itwal perijodu ta' żmien jew li tappoġġja li l-moratorju fuq id-dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniċi u/jew il-moratorju fuq l-ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u l-ilmenti sitwazzjonijiet jsir wieħed permanenti.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President